MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 28/2005

Kawza fil-lista: 57

**Anthony Stivala [ID 591956M] u martu Jeannette Stivala [ID 4039A]**
**Vs**
**Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati bhala kuraturi deputati biex jirrappresentaw lill-assenti Frank Scilcuna, l-uniku Direttur tas-socjeta' Equal Company Limited in rapprezentanza ta' l-istess**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi b'konvenju tat-2 ta' Dicembru, 2002, Dok. A, imgedded l-ahhar darba fit-28 ta' Ottubru 2004 u registrat

mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-1 ta' Novembru, 2004 Dok. B, li kien validu sal-31 ta' Dicembru, 2004, l-atturi obbligaw ruhhom li jixtru minghand is-socjeta' "Equal Company Limited" kif rappresentata mill-uniku Direttur taghha Frank Scicluna (a) *studio flat* internament markat fin-numru tnejn (2) fuq *elevated groundfloor level* fi blokk ta' appartamenti numru (12) tnax, Forrest Street, San Giljan debitament kompletat liberu u frank bid-drittijiet tieghu kollha kompriz sehem indiviz *pro rata* tal-*common parts* u *common services* li dan li studio flat ghandu mal-flats l-ohra fl-istess blokk; u (b) *garage space* internament markat numru tnejn (2) *on level minus four* (-4) ta' l-istess blokk, fl-istess blokk f'Forrest Street, San Giljan bid-drittijiet kollha, accessibbli minn Forrest Street, liberu u frank, bil-prezz kumplessiv ta' dsatax-il elf lira (Lm19,000) li fuq l-istess konvenju l-venditur nomine ddikjara li gia' rcieva – u bil-kundizzjonijiet l-ohra imsemmija fl-istess konvenju, redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler;

Peress illi Frank Scicluna, I.D. 88249(M) hu l-uniku Direttur tas-socjeta' "Equal Company Limited" u dan wara li thallas il-prezz kollu ta' (Lm19,000) dsatax-il elf lira maltija, miftiehem fuq il-konvenju, allontana ruhu minn Malta defenitivament, ma ta l-ebda indikazzjoni fejn mar u ghalhekk l-atturi huma fl-impossibilita' li b'xi mod jikkomunikaw mieghu;

Peress illi fis-17 ta' Novembru 2004 l-atturi pprocedew b'rikors ghan-nomina ta' kuraturi, Dok. C u ittra ufficjali kontestwali, Dok. D fejn interpellaw il-venditur nomine biex jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-Att Notarili relattiv fit-termini ta' l-istess konvenju li baqa' inadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti kuraturi deputati ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundannahom jersqu ghall-Att Notarili relattiv biex l-atturi jixtru u jakkwistaw minghand is-socjeta' "Equal Company Limited" li *studio flat* internament markat bin-numru tnejn (2) fi blokk ta' appartamenti numru (12) tnax, Forrest Street, San Giljan debitament kompletat u garage

space internament markat numru tnejn (2) *on level minus four* (-4) ta’ l-istess konvenju kif fuq intqal;

2. Tinnomina lin-Nutar Dottor Peter Fleri Soler biex bil-ministeru tieghu jigi ppublikat l-Att Notarili relattiv; u

3. Tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta’ l-istess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tar-rikors u ittra ufficjali pprezentati fis-17 ta’ Novembru, 2004, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-provi rrizulta nkontestat li fit-2 ta’ Dicembru 2002 kien sar konvenju redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler bejn l-partijiet li permezz tieghu l-atturi ppromettew u obbligaw ruhhom li jixtru minghand is-socjeta’ konvenuta rapprezentata minn Frank Scicluna l-istudio flat internament markat bin-numru tnejn fi blokk ta’ appartamenti numru tnax go Forrest Street, San Giljan kif deskritt fl-istess konvenju.[1] Sussegwentement dan il-konvenju gie emendat bi skrittura ohra datata 3 ta’ Frar 2004 redatta wkoll mill-istess nutar, biex gie inkluz wkoll il-garage space numru 2 fil-livell minus four kif deskritt fl-istess skrittura[2]. Din il-kompra vendita tal-flat u tal-garage, kellha ssir versu l-prezz komplessiv ta’ Lm19,000

[1] Fol.6-10
[2] Fols.11-13

li, kif dikjarat fuq il-konvenju tat-2 ta' Dicembru 2002, kien gie imhallas kollu dak in-nhar.

Illi l-konvenju baqa' jiggedded perjodikament u permezz ta' skrittura datata 28 ta' Ottubru 2004 gie mgedded sal-31 ta' Dicembru 2004.[3] Fis-17 ta' Novembru 2004 l-atturi interpellaw lill-konvenut nomine sabiex jersaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, izda dana baqa' inadempjenti fl-obbligi tieghu naxxenti mill-imsemmi konvenju, bir-rizultat li fl-14 ta' Jannar 2005 l-atturi kellhom jipprezentaw ic-citazzjoni odjerna.

Illi kemm fl-affidavit tieghu kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti, l-attur spjega li huwa kien habib sew ta' Frank Scicluna u kien jafdah "b' ghajnejja maghluqa."[4] B' hekk spjega kif huwa kien hallas lill-istess il-prezz kollu tal-kompra vendita mal-konvenju. Izda sussegwentement dan Frank Scicluna baqa' ma resaqx ghall-kuntratt u "sparixxa" u ghalhekk l-atturi kienu kostretti jaghmlu din il-kawza biex ma jitilfux il-flus li kienu hallsu u jiehdu d-drittijiet taghhom that il-konvenju.

Illi mill-provi nkontestati t-talbiet attrici jirriuzltaw gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, u tikkundanna lill-konvenut nomine jersaq ghall-kuntratt ta' kompra vendita skond il-konvenju tat-2 ta' Dicembru 2002 u l-iskrittura tat-3 ta' Frar 2004, tal-fondi [studio flat] u [garage space] fit-termini ta' dawn l-istess skritturi; tinnomina lin-Nutar Dottor Peter Fleri Soler biex, fi zmien tlett xhur mill-lum, jircevi l-att relattiv f' data, post u hin mghazul minnu; u tinnomina lill-istess Avukat Dottor Richard Sladden bhala kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez kollha kif mitluba jkunu a kariku tal-konvenut nomine.

[3] Fol.15
[4] Fol.31

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------